MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 869/2002

**Citaz Nru: 869/02 JA**

**Michael Balzan f' ismu proprju u f' isem u in rapprezentanza tas-socjeta' Michael Balzan Limited.**

**-vs-**

**Carmelo Formosa u Nikol Formosa f' isimhom propju u f' isem u in rapprezentanza tas-socjeta' Formosa Builders Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-29 ta' Lulju, 2002 li bih l- atturi ppremettew:

Illi bieghu lill-konvenuti, sistema telfonika u zewg sistemi ohra maghrufa bhal "Centralised Radio System" u "Centralised TV System" li gew installati wkoll mill-atturi gewwa Canifor Hotel, Triq in-Nakkri, San Pawl il-Bahar;

Illi ghall-dan ix-xoghol u merkanzija, il-konvenuti kellhom ihallsu lill-atturi s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf Lira (Lm28,000), li minnha thallas biss l-ammont ta' dsaghtax il-elf, tlett mija u erbgha u erbghajt Lira, u sitta u sittin centezmu (Lm19, 344.66) u ghalhekk ghad fadal x' jithallas bilanc ta' tmin telef, sitt mija u hamsa u hamsin Lira, u erbgha u tletin centezmu (Lm8,655.34);

Illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex ihallsu dan il-bilanc, anke permezz ta' ittra gudizzjarja tal-24 ta' Lulju, 2001, huma baqghu inaddempjenti.

Ghalhekk jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tikkundannhom ihallsu lill-atturi jew min minnhom, is-somma ta' Lm8,655.34 ghar-ragunijiet premessi.

2. Tikkundannhom ihallsu lill-atturi jew min minnhom l-imghax mid-data li l-pagament kien dovut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa fis-26 ta' Lulju, 2002 minn Michael Balzan u l-lista tax-xhieda;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur propio et nomine.

Semghet lill-Avukat ta' l-attur propio et nomine.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzzjoni jirrizultaw pruvati;

**Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur propio et nomine kif dedotti fic-citazzjoni u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' tmin telef sitt mija u hamsa u hamsin Lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm8,655.34), bl-imghaxijiet legali mill-24 ta' Lulju, 2001 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------